**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birzebbuga**

## Laqgħa Nru. 23-07/2016

Data: 18 ta' Lulju 2016

Hin: 5.30pm

Post: Uffiċju Amministrattiv, Kunsill Lokali Birzebbuga

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Kevin Barun (KB) | – *Sindku* |
| | Joe Baldacchino (JB) | - *Kunsillier* |
| | Leanne Grech (LG) | - *Kunsillier* |
| | Josette Busuttil (JBD) | - *Kunsillier* |
| | Stanley Zammit (SZ) | - *Kunsillier* |
| | Svetlick J Flores | –*Segretarju Eżekuttiv* |
| Skużati: | Joe Cutajar (JC) | – *Viċi Sindku* |
| | Herman Schiavone (HS) | - *Kunsillier* |
| | Amanda Vella | - Ambaxxatriċi Lokali taż-żagħżagħ |
| Assenti: | Nil | |
| Pubbliku | 2 | |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Komunikazzjoni mis-Sindku;
4. Korrispondenza
5. Mistoqsijiet lis-Sindku;
6. Materji / Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati;

7. Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji;
8. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet;
9. Balance Sheets tal-Kunsill Lokali
10. Talba għall-Danni
11. Memorandum – District Operations Ltd
12. Offerti Pubblici
13. Proġetti
14. Traffiku u parkeġġ
15. Indafa u Ambjent
16. Ġonna, Parks u Soft areas
17. Utilitajiet u Servizzi
18. Infrastruttura
19. Attivitajiet
20. Bye-laws
21. Materji Oħra
22. Aġġornament.

# Minuti - 20-07/2016

## 1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Is-Sindku KB ressaq il-minuti tal-għoxrin (22) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkolati minn qabel ma' l-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

1.1.1. Il-Kunsillier JB għamel referenza għall-minuta 2.6 u talab li jiżdied il-kliem "Prim Ministru". Il-Kunsill qabel unanimament.

1.1.2. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-introduzzjoni u irrimarka li huwa kien wera l-ħsieb. Il-Kunsill qabel nem con.

1.1.3. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 4.3.1 hu talab li l-kliem "żied ukoll li l-V18 ipproponew" jiġi sostitwit bil-kelma "ipproponа". Il-Kunsill qabel unanimament.

1.1.4. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 4.4, hu talab li l-kelma "Ġunju" tiġi sostitwita bil-kelma "Lulju". Il-Kunsill qabel unanimament.

1.1.5. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 13.3 hu talab li jiżdied il-kliem "Dawret Qalb Imqaddsa" wara l-kelma "holders". Il-Kunsill qabel unanimament.

1.1.6. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 14.1 hu talab li l-kelma "versi" tiġi sostitwita bil-kelma "lmenti". Il-Kunsill qabel unanimament.

1.1.7. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 14.3 hu talab li l-kelma "talab" tiġi sostitwita bil-kliem "ser jitlob". Il-Kunsill qabel unanimament.

1.1.8. Il-Kunsillier JB għamel referenza għall-minuta 11.3, hu talab li titneħħa l-kelma "tad-dawl". Il-Kunsill qabel unanimament.

1.1.9. Il-Kunsillier SZ ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsilliera LG favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija f'1.1. Ittieħed vot bir-riżultat kien favur nem con.

1.1.10. Konsegwentement ġew iffirmati l-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill mis-Sindku KB u mis-Segretarju Eżekuttiv SF.

## 2. Punti Imqajjma mill-Minuti

2.1. Il-Kunsilliera LG għamlet referenza għall-materja 11.4 u staqsiet jekk ġewx konklużi l-arranġamenti li jinkludi il-ħinijiet tal-ġbir mal-kuntrattur tat-tindif.

2.1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li il-ħinijiet kienu ġew stabbiliti fit-tender li ħareġ riċenti.

2.1.2. Is-Sindku KB żied li din is-sena l-applikanti tal-istabbiliment li japplikaw għall-imwejjed u siġġijiet fil-ġimgħa tal-festa, ġew mitluba li jgħaddu id-dettalji tal-kollettur tal-iskart tagħhom lill-Kunsill.

2.2. Is-Sindku KB għamel referenza għall-materja 2.3 li tirrigwarda l-proġett tal-spazju rikreattiv inklussiv. Is-Sindku KB irrimarka li proprju dak inhar il-Kunsill irċieva talba għal-laqgħa mal-Onor Justyne Caruana. Il-Ministru ssuġġerixxiet fil-25 ta' Lulju jew fl-1 t'Awwissu. Il-Kunsilliera kienu infurmati li l-korrispondenza ser tiġi iċċirkolata mal-kunsilliera.

2.3. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-materja 2.2 u żied.li fil-viċinanzi, triq San Ġużepp kantuniera ma Triq il-Brolli, hemm numru ta sinjali *stop* taż-żebgħa li għandhom bżonn rifreskar.

2.4. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-materja 2.9 u informa li proprju dak inhar, irċieva korrispondenza mill-Uffiċċju tal–Perit Lewis, li ġie assenjat perit mill-uffiċċju tiegħu sabiex jieħu ħsieb il-materji pendenti tal-Kunsill. il-Laqgħa ser issir fid-19 ta' Lulju, fil-11.00 a.m.

2.5. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-materja 2.12.1 li tirrigwarda sistema ta immaniġġjar ta traffiku fi Triq Sant'Anglu. u informa li din ser tiġi diskussa mal-Perit tal-Kunsill.

2.6. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-materja SZ 3.2 li tirrigwarda is-sunbeds u umbrelel fuq il-Bajja s-Sabiħa. Huwa irrimarka li mill-informazzjoni li għandu, meta saru spezzjonijiet, l-operaturi kienu in-regola.

2.7. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-materja 3.3 u staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi. Is-Sindku KB informa li tkellem mal-Avukat tal-Kunsill, Dr Victor Buġeja, kif ukoll mal-Perit tal-Kunsill. Huwa informa li l-materja hija komplessa u għad ma kienx hemm konklużjoni ċara. Huwa żied jgħid li l-Freeport għamlu rapport u pjan t'azzjoni maħsub fuq sentejn, imma huwa mhuwiex kuntent bi pjan ta sentejn, għax dan ifisser sentejn ta inkonvenjenza.

2.8. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-materja 4.1.4 li tirrigwarda x-xogħol u l-pagamenti ta kuntrattur ta Dawret Qalb Imqaddsa. Is-Sindku informa li qed jistenna xi żviluppi fuq din il-materja, u kif ikun il-każ, jinforma lill-Kunsill.

2.9. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-materja 17.2 li tirrigwarda Triq Żaren Dalli u staqsa x'ser tkun il-pożizzjoni tal-Kunsill.

2.9.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li hekk kif ikollu ir-rapport tal-Perit, il-Kunsill ikun jista' jiddeċiedi.

2.9.2. Is-Sindku KB informa li hekk bżonn issir lista ta prijoritajiet ta Toroq sabiex tintbagħat lil Gvern Centrali li tkun tindika ix-xewqa tal-Kunsill għall-assistenza.

2.9.3. Il-Kunsill qabel li t-talba lil Gvern Centrali, f'ordni ta preferenza għandha tkun Triq Tal-Ġebel, Triq San Patrizju, u Triq tal-Papa.

2.9.4. Il-Kunsill qabel li jekk ikun il-każ, skont ir-rapport tal-perit, Triq Zarenu Dalli tiġi obbligu ta Transport Malta, u ma tibqax xewqa tal-Kunsill.

2.10. Is-Sindku KB għamel referenza għall-materja 2.11.6, u qal li l-Kunsill irċieva numru ta korrispondenza mingħand ir-residenti involuti, li fil-maġġoranza ma qablux li jkun hemm bdil tal-isem tat-triq. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li jibqa' kollox kif inhu.

2.10.1. Il-Kunsill qabel li fejn hu possibli tintbagħat acknowledgement jew risposta b'metodu ieħor, bir-riżultat tal-proċess.

2.10.2. Il-Kunsillier JB irrimarka li mir-riċerka li għamel, irriżulta li l-parti ta Triq il-Port Ħieles li tmiss ma Triq il-Brolli, għada ma għaddietx mill-eżerċizzju tan-numri tal-bibien, u għaldaqstant tajjeb li l-Kunsill jirrakkomanda li isir l-eżerċizzju.

## 3. Komunikazzjonijiet mis-Sindku.

3.1. Is-Sindku tkellem dwar id-diskors tal-Prim Ministru li sar proprju dak inhar, fejn waqt dan id-diskors wera ċar li ma jaqbilx li l-Freeport ikompli jespandi u jopera minn fuq iktar art. Dan ifisser li huwa konxju tal-weġgħat tal-poplu ta Birżebbuġa, u qed jaħdem favur il-komunità residenzjali.

3.2. Is-Sindku informa li kien hemm laqgħa tal-EMC tal-Freeport, fejn waqt il-laqgħa infurmaw li huma pjanaw li mill-1 ta Settembru jidħol il vapur tal-passiġġieri Tirrenenia. Il-Rappreżentanza tal-Kunsill esprimew l-opinjoni tagħhom li b'dan il-pass, Il-Freeport mhu ser jagħmel l-ebda pjaċir lill-Birżebbuġa, għax dan jista' joħloq inkonvenjent differenti, bħal eżempju problemi ikbar ta parkeġġ, kju ta karozzi u iktar vetturi fil-lokalita. Is-Sindku żied ukoll li possibbilment, dawn m'għandhomx permess biex joperaw b'dan il-mod. Ġie innotat ukoll li l-Freeport kellu l-intenzjoni li parkeġġ tal-ħaddiema jibda jintuża għal contaners, għaldab'oħra possibbilment mingħajr permess, apparti l konferma li b'dan il-pass ser jinħoloq stress fuq l-ispazju ta parkeġġ disponibbli f'Birżebbuġa.

3.2.1. Is-Sindku qal li waqt il-laqgħa, l-Kunsill ma kkommettix ruħu

3.2.2. Is-Sindku qal ukoll li saret laqgħa ta kjarifika fuq materja 3.2 fejn kien hemm rappreżentanti tal-Kumpaniji SMS u Golcher, li irrimarkaw li komplessivament ġejjin żewġ linji: tal-passiġġieri / vetturi. Is-Sindku qal li dan jista' jkun bieb li eventwalment jattira linji oħra bħal Catamaran, li jkompli jikkonferma l-problemi imsemmija mill-Kunsill.

3.2.3. Wara diskussjoni libera, Il-Kunsill qabel unanimament biex, fl-interess tar-residenti, u sabiex ikun preparat għal-din l-eventwalita', issir applikazzjoni lil Transport Malta, sabiex tiġi introdotta is-sistema ta Parkeġġ Residenzjali, fit-toroq residenzjali li jaqaw f'distanza ta 400 metru mill-Freeport.

3.3. Is-Sindku informa li s-smiegħ tal-appell tal-Freeport ġie skedat għal 4 t'Ottubru. Huwa informa li fis-seduta li għaddiet, il-Freeport ippreżenta dokument u kuntratti, liema dokumenti ser jiġu evalwati mill-kunsill sabiex ikun f'pożizzjoni li jressaq il-punti tal-Kunsill.

3.4. Is-Sindku tkellem dwar il-pont tal-*lighthouse* li jinsab fil-Bajja s-Sabiħa. Huwa fakkar li x-xogħol ta manutenzjoni kien stmat €4,500. Is-Sindku issuġġerixxa li tiġi studjata il-possibbiltà li minflok jitranġa, dan jiġi imneħħi. Huwa irrimarka li dan il-pont qed iżomm l-ilma li qed jirrizulta f'nuqqas ta iġjene.

3.4.1. Wara diskussjoni libera l-Kunsill qabel li isir studju preferibbilment ma Transport Malta, sabiex jiġu determinati il-possibiltajiet.

3.5. Is-Sindku tkellem dwar Memo Interna Nru 44 li tirrigwarda talba għal U bollard fi Triq il-Kartaġiniżi, u li ma kienx hemm risposti suffiċjenti fuqha.

3.5.1. Il-Kunsill innota li din it-talba hija minħabba *double parking* minn trakkijiet li jfornu lil-ħanut li jinsagħab fit-triq, u innota li jekk issir barrier iktar jista' jinġemgħa traffiku

3.5.2. Il-Kunsill iddiskuta l-possibbiltà li t-triq ssir one-way, iżda irriżulta li tkun iktar ta inkonvenjent.

3.5.3. Wara diskussjoni libera, Il-Kunsill ma qabilx li ssir barrier, iżda minflok il-Kunsill jitlob l-assistenza tal-Pulizija.

3.6. Is-Sindku KB informa b'applikazzjoni mill-Enemalta Corporation permezz tas-sistema ta' Transport Malta *Road Permit System* sabiex issir trinka għal mina f'Dawret Qalb Imqaddsa, bejn il-propjetà tal-korporazzjoni u l-pont.

3.6.1. Il-Kunsill qabel li għandu jissottometti il-kundizzjonijiet tiegħu li huma:

- ma tingħalaqx it-triq kompletament f'ebda ħin, u jibqa' karreġġjata waħda il-ħin kollu.
- It-Triq tkun miftuħa kompletament fil-ġimgħa tal-festa: bejn id-29 ta Lulju 2016, u t-8 t'Awwissu, u nhar ta Ħamis minħabba l-Monti, u dan minħabba li tkun l-unika aċċess għal Birżebbuġa
- Li jinġabu l-permessi tal-Mepa u LMTA, minħabba li ħa jsir xogħol ta kostruzzjoni f'perjodu mhux permissibbli.
- Il-Kunsill ikun infurmat u ikkonsultat bit-traffic management.

3.7. Is-Sindku KB informa b'applikazzjoni tal-Mepa PA/02788/16 u PA/03222/16, li it-tnejn jappartjenu ghal-*change of use* għal-Public Service Gargages, fi Triq tal-Ġurġier.

3.7.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li għandu joġġezzjona għal tali applikazzjonijiet, u dan minħabba li permessi ta dan it-tip jistaw ikunu vagi u li probabbilment ser iħalli impatt negattiv fuq l-ispazju ta parkeġġ disponibbli f'dik iż-żona.

3.8. Is-Sindku KB informa b'applikazzjoni tal-Mepa PA/03799/16, li tappartjeni għal-tpoġijja ta Kjosk ġewwa Triq San Patrizju, eżattament ġewwa Wied il-Buni.

3.8.1. Wara diskussjoni libera il-Kunsill qabel li għandu joġġezzjona għal din l-applikazzjoni għal istess raġunijiet li ġiet oġġezzjonata applikazzjoni simili riċentement.

## 4. Korrispondenza.

4.1. Permezz ta' korrispondenza mingħand is-Sur Giuseppe Spampinato, fejn talab il-permess tal-Kunsill għal spazju sabiex jarma stand minn fejn jista' jkun ibiegħ ħelu Sqalli minn 8 sat-30 t'Awwissu 2016

4.1.1. Wara diskussjoni libera, Il-Kunsill qabel li jista' joħroġ tali permess għal faċċata tac-Cherries Bar, għal dawn id-dati: 8-11, 16-18, 21-25, 28-31 t'Awwissu.

4.2. Permezz ta e-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, fejn il-Kunsill ġie mgħarraf dwar Programmi tal-Unjoni Ewropeja relatati ma Ġemellaġġi u Network ta lokalitajiet u li d-data tal-għeluq tas-sottomissjonijiet hija l-1 ta Settembru, 2016

4.2.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li tinġagħab iktar informazzjoni dwar dawn l-opportunitajiet.

4.3. Permezz ta e-mail mis-Sinjura Marielle Fenech datata 13 ta' Ġunju 2016 – fejn talbet li xxerred l-irmied tas-Sur Chris Henderson Spear fil-Bajja s-Sabiħa, kif ukoll twaħħal plakka ma bank jew titħawwel siġra bħala tifkira tiegħu.

4.3.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni fir-rigward tat-tixrid tal-irmied, sakemm jinġabu il-permessi neċessarji mis-Sanita'. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni lanqas fir-rigward li titwaħħal plakka ma bank qrib il-bajja, sakemm is-sinjura tipprovdi bank għad-dispożizzjoni tal-Kunsill li jitwaħħal fejn ikun xieraq.

4.4. Permezz ta e-mail mis-Sinjura Ant Faure, iffirmata mis-Sur Mario Falzon, fejn talab li jiġi rifuż spejjeż ta Bermuda, li allegatament ċappas biż-żebgħa meta poġġa fuq bank tal-Bajja s-Sabiħa.

4.4.1. Il-Kunsill innota li kull meta jinżebaw l-bankijiet, jiġi imdawwar b'tape biex ma jintużax

4.4.2. Il-Kunsill Innota ukoll li ftit ġranet qabel din it-talba, kien hemm attività fil-promenade, u allura seta' jassumi li dan il-bank intuża mhux ftit.

4.4.3. Il-Kunsill innota ukoll li t-talba ma kienitx tindika ammont ta flus / bla valur, għalkemm ġie mitlub jissottometti dan.

4.4.4. Għaldaqstant il-Kunsill ma laqax it-talba tas-Sur Falzon

4.5. Permezz ta' e-mail mid-Dipartiment Tal-Gvern Lokali dwar The Strategy for Innovation and Good Governance at Local Council and the European Label of Governance Excellence.

4.5.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li jqabbad lil jinġabu kwotazzjonijiet sabiex isir l-istħarriġ mal-Pubbliku, u sussegwentement il-Kunsill Jiddeċiedi.

4.5.2. Il-Kunsill qabel ukoll li jsir working group sabiex isir l-evalwazzjoni fejn tirrigwarda l-operat intern tal-Kunsill.

## 5. Mistoqsijiet lis-Sindku

5.1. Il-Kunsilliera LG għamlet referenza għal arti murali li saret fi Triq Żarenu Dalli minn Right2Smile. Il-Kunsilliera LG staqsiet lis-Sindku dwar il-possibbiltà li jinħareġ ċertifikat lil-parteċipanti u lil dawk involuti.

5.1.1. Is-Sindku flimkien mal-membri preżenti qablu unanimament.

5.2. Il-Kunsilliera LG staqsiet lis-Sindku dwar l-immaniġġjar tat-traffiku għal ġimgħa tal-Festa u jekk dan huwiex diġà lest u jekk hu lest, jistax jiġi ippubblikat fuq il-paġna ta Facebook tal-Kunsill sabiex ikun ikkomunikat mar-residenti

5.2.1. Is-Sindku ikkonferma li dan huwa lest u flimkien mal-membri preżenti qablu unanimament li jiġi ippubblikat kif suġġerit.

5.3. Il-Kunsilliera JBD staqsiet lis-Sindku jekk hux qed isir eżerċizzju sabiex jitnaqqas l-abbuż fl-iskart u fil-*littering.*

5.3.1. Is-Sindku wieġeb li preżentement qed isir ix-xogħol u id-diskussjonijiet relevanti sabiex tiġi konkluża il-materja, bi twaħħil ta diversi kameras tas-sigurtà, kif ukoll permezz ta Green Wardens.

.

5.4. Il-Kunsillier SZ staqsa lis-Sindku jekk il-Kunsill kienx iddetermina post sabiex isiru Cat caffees kif suġġerit mill-Ministeru.

5.4.1. Is-Sindku wieġeb li l-ebda membru ma issuġġerixxa post adekwat, kif ukoll fakkar li l-Kunsill mhuwiex f'pożizzjoni li jinvesti flus f'dan il-proġett minħabba d-direttiva maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

5.4.2. Il-Kunsill qabel li dan għandu jiġi ikkomunikat lil persuna inkarigata mill-proġett.

5.5. Il-Kunsillier SZ staqsa jekk saritx il-verifika fir-rigward tad-dwal fi Ġnien il-Kunsill, minħabba li qed ikun hemm konsum kemxejn għoli.-użu . Mill-kont jirrizulta, li qed ikun hemm konsum iktar milli suppost, u għaldaqstant issir verifika fuq il-post.

## 6. Materji / Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati

6.1. Ma Kienx hemm materji / rapporti u minuti tal-Kumitati / sotto-kumitati imressqa.

## 7. Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji

7.1. Is-Sindku KB ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 07/16 li ġiet iċċirkolata minn qabel ma' l-avviż tal-laqgħa.

7.1.1. Il-Kunsill innota li hemm numru ta ħlasijiet li jappartjenu għall-attivitajiet li qed iżomm il-Kunsill, u liema spejjez ġew rikoverati permezz ta' sponsorships. Is-Sindku informa li l-Kunsill dis-sena franka eluf ta ewro bl-użu tal-Handyman minflok kuntratturi, kif ukoll permezz ta servizzi li ġew offruti mingħajr ħlas, bħal eżempju l-kordinatur is-Sur Pierre Cachia.

7.1.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier SZ u ssekondata mill-Kunsillier LG, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti imsemmija bir-rizultat ikun favur unanimament.

7.2. Is-Sindku informa li hemm bżonn isir *railing* fil-promenade ta Wied il-Buni, minħabba li dan ilu snin nieqes, u hemm riskju kbir li jaqa' xi ħadd u jweġġa serjament.

7.2.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li dan għandu jsir minħabba li huwa ta periklu, u għaldaqstant għandhom jinġabru il-kwotazzjonijiet, bl-irħas soluzzjoni.

7.3. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-Rapport Finanzjarju tat-tieni kwart tas-sena, li ġie iċċirkolat minn qabel. Huwa informa li l-Kunsill daħħal iktar fondi minn dak previst, u nefaq marġinalment ftit iktar mill dak stmat. Il-Kunsill kellu riżultat iktar pożittiv minn kif bassar.

7.3.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill approva d-dokument unanimament.

7.4. Is-Sindku tkellem rigward laqgħa mad-direttur li inżammet sabiex tiġi diskussa il-materja ta FSI negattiv tal-Kunsill. Matul din il-laqgħa, il-Kunsill, flimkien mal-accountant ippreżenta is-sitwazzjoni preċedenti, is-sitwazzjoni preżenti, u l-projezzjonijiet tiegħu fid-dettall. Is-Sindku innota li d-direttur kien sodisfatt bil-preżentazzjoni tal-Kunsill, kif ukoll bix-xogħol li qed iwettaq il-Kunsill f'dan ir-rigward. Is-Sindku irrimarka li d-Direttur ħeġġeġ lill-Kunsill sabiex ikompli miexi bir-ritmu tajjeb li għaddej bih.

7.5. Is-Sindku tkellem fuq il-finanzi tal-Kunsill, u innota li sa Ġunju 2018, il-Kunsill ma jistax jagħmel proġetti. Huwa żied jgħid li sa dan iż-żmien, il-Kunsill ser ikun ħallas mas-€700,000, ħlasijiet ta xogħolijiet li saru fil-leġislatura ta qabel. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill irid li jerġa jirrevedi l-ispiża rikorrenti tiegħu, sabiex ibiddel is-sitwazzjoni qabel Ġunju 2018.

7.5.1. Il-Kunsillier SZ irrimarka li mhux sew li ħabba l-proġetti tal-PPP li saru qabel, il-Kunsill qed ibagħti issa kif qed titlob id-direttiva tad-dipartiment meta fil-verita, il-Kunsill jista' jilħaq l-istess għan iżda b'modi diversi.

7.5.2. Il-Kunsill iddiskuta is-servizz tat-trasport tal-anzjani li huwa spiża ta madwar €400 fix-xahar, u li huwa servizz addizzjonali u mhux fir-responsabiltà tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament li dan is-servizz għandu jitwaqqaf.

7.5.3. Il-Kunsill iddiskuta is-servizz li ta manutenzjoni fi Sqaq il-Madonna ta Lourdes u qabel unanimament li dan is-servizz għandu jitwaqqaf.

7.5.4. Il-Kunsill iddiskuta l-kiri tal-garaxxijiet, u qabel li għanda tinstab alternattiva. Il-Kunsill qabel li jibdew il-proċeduri biex jinħallu l-kuntratti eżistenti u jinstab garaxx bi prezz aħjar jew alternattiva oħra.

7.5.5. Il-Kunsill iddiskuta li spiża oħra fuq il-Kunsill hija l-fatt l-uffiċju jiftaħ nhar ta Sibt b'żewġ impjegati ħabba sigurtà, spiża li ġiet imposta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Wara diskussjoni libera, il-Kunsillier SZ ressaq mozzjoni, ssekondata mis-Sindku KB, li l-uffiċju jibda jopera b'impjegata waħda, u jekk l-impjegati volontarjament ma jaċċettawx, l-Uffiċju Amministrattiv ma jiftaħx nhar ta Sibt. Ittieħed vot bir-riżultat ikun kullħadd favur.

7.5.6. Il-Kunsill iddiskuta ukoll is-servizz ta tindif tal-uffiċju amministrattiv. Il-Kunsill qabel unanimament li s-servizz ta Paulie Ellul għandu jsir darba kull ħmistax.

7.5.7. Il-Kunsill qabel li tinżamm laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi fit-28 ta' Lulju 2016

## 8. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet;

8.1. Ma kienx hemm mozzjonijiet imressqa sad-data tal-għeluq.

## 9. Balance Sheets tal-Kunsill Lokali

9.1. Is-Sindku KB ippreżenta il-balance sheets tax-xhur ta Frar, April u Ġunju, li ġew iċċirkolata minn qabel ma' l-avviż tal-laqgħa.

9.2. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kif previst, il-Kunsill kompla bl-andament pożittiv li xahar wara xahar, jirkupra mill-FSI negattiv li kien jinsab fiha, u sal-aħħar ta Ġunju, dan qed jindika -2.08 .

9.2.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill approva id-dokumenti imsemmija unanimament.

## 10. Talba għall-Danni.

10.1. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta talba għal ħlas ta danni sofferti mingħand is-Sur Simon Privitera flimkien mar-rapport tal-bord.

10.1.1. Il-Kunsillier JB qal li huwa ma jaqbilx mar-rakkomandazzjoni tal-bord, u dan minħabba li skont hu, it-triq in kwistjoni mhux tal-Kunsill.

10.1.2. Is-Sindku ikkonferma li skond id-Dipartiment tal-Gvern Lokali, it-triq in kwistjoni hija responsabiltà tal-Kunsill Lokali.

10.1.3. Wara diskussjoni libera, Il-Kunsillieri preżenti, eskluż il-Kunsillier JB qablu mar-rakkomandazzjoni tal-bord.

10.1.4. Il-Kunsillier SZ irrimarka li din hija anomalija, fejn id-Dipartiment tal-Gvern Lokali qed jgħid biex jitnaqqsu l-ispejjeż u jsiru biss l-affarijiet kuntrattwali bażiċi tal-Kunsill, u fl-istess ħin, il-Kunsill huwa obbligat li jibqa' jaqdi il-funzjonijiet tiegħu.

## 11. Memorandum – District Operations Ltd

11.1. Is-Sindku KB ressaq il-Memorandum Agreement mibgħut minn District Operations.

11.1.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li ma jiġix iffirmat il-kuntratt sakemm jiġu ċċarati xi punti u jiġi ikkonfermat mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali

**NB: 8.30 p.m. – Il-Kunsill qabel unanimament li ssir estensjoni ta siegħa.**

## 12. Offerti Pubbliċi

12.1. Is-Sindku informa li l-Offerti relatati mal-proġett ta tħaddir, huma magħluqin u evalwati mill-Bord tal-Evalwazzjoni.

12.1.1. Il-Kunsill qabel unanimament li jimxi mar-rapport tal-Bord tal-Evalwazzjoni, u jikkonferma li l-Offerta tingħata tingħata lill-Delta Projects Ltd, li kienet l-irħas offerta konformi mar-rekwiżiti mitluba.

12.1.2. Il-Kunsill qabel ukoll li ladarba l-offerta riċevuta hija inqas minn dik stmata, il-fondi li baqa' jintużaw sabiex jiġu inklużi zoni oħra fil-proġett.

12.1.2.1. Il-Kunsill qabel f'Misraħ il-Knisja, U l-pjazza ta ħdejn il-Mużew. u li jinbidel il-*hedging* il-mejjet fil-Bajja s-Sabiħa. Il-Kunsill qabel ukoll li suġġerimenti għandhom jaslu għand is-Segretarju Eżekuttiv sal-aħħar tal-Ġimgħa.

## 13. Proġetti

13.1. Is-Sindku informa li l-Proġett tat-Tourist Trail ffinanzjat mill-*Foundation for Tourist Zones Development* fi ħdan l-MTA ġie inawgurat. Huwa fakkar li fil-maggior parti tiegħu, dan tlesta, però għad baqa' numru ta affarijiet xi jsiru sabiex ikun pakkett komplut. Huwa proġettat li fix-xhur li ġejjin, il-pakkett ikun kollu lest.

## 14. Traffiku u Parkeġġ

14.1. Is-Sindku tkellem rigward iż-żona fejn ġew iffurmati numru ta toroq li għadhom bla isem, fosthom, dik proposta Ta' Mose'. Huwa fakkar li t-toroq l-oħra għad irid jingħataw isem.

14.1.1. Il-Kunsillier SZ irrimarka li l-Għaqda Storja u Kultura qed tagħmel ir-riċerka, sabiex jiġu identifikati l-Ismijiet addattati, bħal eżempju laqmijiet ta nies li kienu joqgħodu / kienu sidien ta artijiet f'dik iż-żona.

14.2. Il-Kunsillier SZ irrimarka s-sewqan eċċessiv fi Triq San Gwann, bejn Triq iż-Żurrieq u Triq iż-Żibra.

14.3. Is-Sindku saqsa lill-Kunsillier SZ jekk kienx hemm xi żviluppi fir-rigward tas-sistema ta one-way proposta għal Triq Salvatore Cachia Zammit

14.3.1. Il-Kunsillier SZ irrimarka li qed jistenna risposta mingħand Transport Malta, u li ser jieħu ħsieb isegwi l-materja.

14.4. Is-Sindku fakkar fil-proġett li għadu mhux komplut, ta Triq Għar Dalam, liema proġett qed isir minn Transport Malta. Il-Proġett kien jinkludi l-iffurmar ta

karreġġata oħra, u bini ta' *central strip*. Huwa fakkar li l-proġett kien approvat mill-Istess Transport Malta, madankollu, dawn tal-aħħar ma mmaterjalizzawħx kollu.

14.5. Il-Kunsillier JB tkellem rigward Triq il-Bżulija, u staqsa jekk din hux ser tiġi asfaltata ġaladarba qed jiġu asfaltati it-toroq tal-madwar.

14.5.1. Is-Sindku qali li dan l-asfaltar qed isir minn Transport Malta. Huwa irrimarka li madankollu, xorta jaċċedi fuq il-post biex isegwi ix-xogħol. Is-Sindku żied jgħid li huwa iltaqa' mal-kuntrattur fuq il-post u ġie infurmat li dik it-triq mhux ħa ssir minħabba li mhijiex parti mill-proġett.

14.6. Il-Kunsilliera LG irrimarkat li l-bankina ta Triq Għar Dalam il-parti ta ħdejn l-Alfresco qed tispiċċa.

14.6.1. Is-Sindku informa li din il-parti taqa' taħt il-Gvern Ċentrali, u għaldaqstant ser iressaq talba lil-Transport Malta.

## 15. Indafa u Ambjent

15.1. Is-Sindku KB qali li qed ikun f'kuntatt mad-Direttorat tat-tindif fejn qed ikun diskuss kontinwament miljorament fit-tindif.

15.2. Il-Kunsill iddiskuta ukoll is-servizz tal-kuntrattur tal-knis. Ġie innotat li dan mhux dejjem jilħaq il-livelli meħtieġa bħal eżempju nuqqas f'ċertu toroq u nuqqas ta qtugħ ta' ħaxix ħażin.

15.2.1. Wara diskussjoni libera Il-Kunsill qabel li għandu jitlob lil-Contracts Manager sabiex isegwi iktar fid-dettall l-andament ta dan ix-xogħol.

## 16. Ġonna, Parks u Soft Areas

16.1. Il-Kunsillier JB irrimarka li regolarment, l-ELC jiżbru s-siġar fi Ġnien l-Indipendenza, madankollu huwa issuġġerixxa li minħabba n-natura ta dawn is-siġar, jingħataw iktar attenzjoni, u fejn hu possibli ma jiġux miżbura.

## 17. Utilitajiet u Servizzi

17.1. Ma kienx hemm materji diskussi

## 18. Infrastruttura

18.1. Ma kienx hemm materji diskussi.

## 19. Attivitajiet

19.1. Il-Kunsilliera JBD infurmat li bl-isponsorships li daħlu qed ikunu iffinanzjati l-attivitajiet ta *Promenart*.

19.2. Il-Kunsilliera JBD infurmat li bdiet taħdem ukoll fuq il-programm għal Jum Birżebbuġa li ser issir fil-11 ta'Settembru. Hija talbet lil-Kunsillieri preżenti sabiex jekk ikollu xi idejat li jixtiequ jiġu inklużi fil-programm, javviċinawha.

19.3. Il-Kunsilliera JBD infurmat li qed taħdem sabiex l-attività nazzjonali l-GħanaFest organizzata mill-MTA u l-Kultura tibda issir fil-Qajjenza, u tiġi integrata fl-attività tal-Kunsill – Espressjonijiet Maltin

19.4. Il-Kunsilliera JBD infurmat li ikkonkludiet ukoll il-programm t'attivitajiet għall-Bajja s-Sabiħa / Wied il-Buni għal Awwissu 2016. Hija infurmat li b'żieda ma dawk diġà eżistenti, ser issir Family Fair Fest b'kollaborazzjoni mal-privat bejn fit-12, 13, 14 u anke l-15 t'Awwissu 2016.

## 20. Bye-Laws

20.1. Is-Sindku KB ressaq abbozz tal-emendi għal bye-law eżistenti tal-Kunsill - Żoni Esklussivi għal Barbeques, (363.158)

20.2. Il-Kunsillier SZ ippropona li l-kunsill iżomm il-flessibilta li jiddetermina x'tip ta barbeques jistaw isiru fiż-żoni esklussivi, u li l-Kunsill ikun jista' jiddetermina dan billi kmieni matul is-sena, jinħareġ t'avviż. Il-Kunsill Qabel unanimament

20.3. Il-Kunsill qabel unanimament li l-emenda kif aġġustata tiġi ppubblikata għad-dispożizzjoni tal-pubbliku wara li jinħareġ l-avviż relevanti, sabiex b'hekk tkun tista' tiġi finalizzata fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

## 21. Materji Oħra

21.1. Il-Kunsillier JBD innotat il-problema tat-trasport pubbliku evidenti fil-Qajjenza fejn ir-rotta 82 qed tkun mimlija filwaqt li l-85 mhux qed tgħaddi mill-pjazza ta Raħal Ġdid.

21.1.1. Il-Kunsill qabel li dan l-ilment għandu jgħaddi għand l-awtorita' konċernata.

21.2. Il-Kunsillier SZ qal li ġie avviċinat minn resident, fejn saqsa jekk hux possibli li jagħmel gutter fuq il-bankina, sabiex joħloq ventilazzjoni għall-arja għal basement tiegħu.

21.2.1. Wara diskussjoni libera il-Kunsill innota li ma jsibx oġġezzjoni sakemm, jinġabu il-permessi kollha neċessarji, li l-gutter ikun maħdum skont is-sena, u li ma jkunx hemm ta żgombru jew periklu għall-pubbliku.

## 22. Aġġornament tal-laqgħa

22.1. Il-laqgħa ġiet aġġornata għal 23 ta' August 2016 fil-5.30pm. .

**Il-laqgħa intemmet fid-9.20 p.m**

**[Iffirmat]** **[Iffirmat]**

*Kevin Barun*
*Sindku*

*Svetlick Flores*
*Segretarju Eżekuttiv*

Data: 23/8/16